**Ref: Seduta 20_11/07/07/V**

# MINUTI TA' L-GĦOXRIN SEDUTA

**l-għoxrin seduta** tal-Ħames Kunsill Lokali ta' Sliema nżammet nhar **l-Erbgħa 11 ta' Lulju, 2007** fl-Uffiċċji Amministrattivi, fi Triq Depiro, Sliema.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| **Sindku:** | **Marina Arrigo** |
| **Viċi-Sindku:** | **Albert Bonello Dupuis** |
| **Kunsilliera:** | **Marianne Aquilina**<br>**Michael Briguglio**<br>**Martin Debono**<br>**Nikki Dimech**<br>**Julian Galea**<br>**Margaret Ann Azzopardi** |
| **Assenti skuzat:** | **Luke Vella** |
| **Segretarju Eżekuttiv:** | **Josef Grech** |
| **Deputat Segretarju :** | **Stefania Friggieri** |

Is-seduta bdiet fil-4.30pm b'din l-agenda:

1. **Qari u Approvazzjoni tal-minuti tas-seduta 19_20/06/07**
2. **Materji konessi mal-Minuti**
3. **Korrispondenza u komunikazzjonijiet mis-Sindku/Segretarju Eżekuttiv**
4. **Mistoqsijiet mill-kunsilliera**
5. **Approvazzjoni tal-pagamenti**
6. **Deċiżjoni dwar it-*tenders* ta' tabelli u sinjali**
7. **Affarijiet Oħra**



Sliema Local Council Depiro Street Sliema SLM 04 - Malta Tel: (+356) 2133 7633 Fax: (+356) 2134 5333 Email: sliema.lc@gov.mt

www.sliema-malta.com

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI SEDUTA NUMRU 19

Il-minuti ġew ikkunsidrati bħala moqrija u approvati bi qbil unanimu wara li kien hemm dawn l-emmendi:

It-tieni sentenza tal-punt 3.23 triq tinqara hekk :

*'Il-kunsillier M. Briguglio qal li residenti huma kkonċernati li l-iżvilupp ser jestendi fil-*backgardens *u b'hekk ser inaqqas id-dawl lil certu residenti u jnaqqas il-ġonna u s-siġar f'din iż-żona. M. Briguglio ippropona li l-Kunsill jgħid lill-MEPA li l-iżvilupp għandu jkun konformi mar-regoli ta' l-istess MEPA, biex jiġi salvagwardjat dak li jipprovdu għalih ir-regoli. M. Briguglio qal li skond il-local plan tal-MEPA jista' jitla bini ta' 5 sulari iżda ma jistax jifhem jif ser jitilgħu appartamenti minnflok dar daqshekk żgħira (9 Triq Dingli). Hawnhekk intqal li l-iżvilupp ser jinkludi wkoll 10 Triq Dingli'.* U tkompli il-kunsillier M. Debono.....

F'punt 3.21 it-tielet sentenza triq tinqara hekk :

*'Il-kunsillier M. Briguglio qal li fil-każ għandna nipprovaw inġibu stimi oħra kif jitolbu r-regoli finanzjarji'.*

## 2. MATERJI KONNESSI MAL-MINUTI

2.1 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva ittra mill-uffiċċjal awtorizzat D. Soler fejn qal li s-sitwazzjoni mhijiex ċara għall-gwardjani lokali u għall-pulizija meta jiġu biex jinfurzaw dawk il-karozzi li qegħdin jipparkjaw fuq il-blat. Il-kunsillier M. Briguglio kompla jgħid li l-blat jinsab fi stat ħażin minħabba li ħafna vetturi għadhom jinżlu. Minkejja li hemm it-tabelli u s-sitwazzjoni baqgħet kif inhi, il-kunsill iddeċieda li għandu jimblokka l-passaġġ b'tali mod li jitħalla aċċess biss għad-*Dive Shack.*

*Il-kunsillier M. Debono daħal fl-4.48pm*

2.2 Il-kunsillier J. Galea staqsa dwar it-*telephone boots* tax-Shigo. (punt 2.2 ta' l-aħħar seduta)

*Il-kunsillier N. Dimech daħal fl-4.50pm*

Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li kien iċċekkja mal-Korporazzjoni Enemalta minħabba l-fatt li mat-*telephone booth* hemm provvista ta' elettriku u allura mhiex daqshekk faċli li wieħed jaqbad u jneħħi, għaliex skond l-Enemalta din hija xi ħaġa li jrid japplika s-sid biex jitneħħa s-servizz. Madankollu l-kunsill irrimarka dwar kemm il-darba ktibna lis-sid tax-Shigo u ma' żammx mad-data stipulata sabiex jitneħħew it-*telephone booths* li huma ta' *eye sore.* Il-membri tal-kunsill presenti sostnew mad-deċiżjoni li kienu ħadu, li għandha titneħħa t-*telephone booth* ta' quddiem il-Lukanda Diplomat mill-ħaddiema tagħna.

2.3 Dwar il-punt 3.3 ta' l-aħħar seduta fejn il-kunsill kien iddeċieda li jagħmel żebgħa ma' l-art fejn tindika l-*border line* sa fejn hemm l-imwejjed u siġġijiet l-istabbilimenti tax-Xatt għandhom jaslu minħabba l-fatt li ma kienux qegħdin iħallu aċċess għan-

nies. Is-Sindku ġiet infurmata li l-Kunsill għandu jiltaqa' wkoll mal-GRTU qabel ma jagħmel dan. Il-Kunsill qabel li għandu jistipola xi ġurnata magħhom għall-ħabta tat-3pm.

Fuq dan il-punt il-viċi sindku qal li l-Kunsill għandu jara wkoll dwar il-*kiosks* li hemm fuq il-*promenade* ta' Għar id-Dud, minħabba l-fatt li m'humiex fi stat tajjeb.

2.4 Il-kunsillier M. Brigulgio staqsa dwar l-*EU Funding* punt 5.1 ta' l-aħħar seduta. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li kien iċċekkja mas-Segretarju tal-Kunsill tan-Nadur u ġie infurmat li għandhom *fund manager* li jitħallas b'perċentaġġ filwaqt li ta' San Lawrenz jieħdu ħsieb huma stess iżda hawn ġie nnotat li l-Kunsill jiffoka l-iktar fuq *youth exchanges.* Il-Kunsill qabel li qabel li għandu jagħmel *specifications* sabiex ikun jista jinħareġ *tender* jew *service contract.*

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi daħlet fil-5.05pm*

2.5 Il-kunsillier J. Galea staqsa dwar l-RPZ. Is-Sindku u s-segretarju eżekuttiv spjegaw li fil-laqgħa li kellhom ma' l-ADT ġew infurmati li l-kunsill irid jiddetermina dawn il-punti:-

1. It-toroq li huma residenzjali u dawk kummerċjali fejn imbagħad ikun jista jara l-perċentaġġ ta' RPZ li tiġi applikata.

2. Il-ħinijiet li għandhom jiġu stipulati.

3. Il-mod kif se tiġi mplimentata b'sistema ta' *phasing.*

Il-kunsillier M. Debono fakkar li l-kunsill ta' qabel (tar-raba' leġislatura) kien iddeċieda li t-toroq kollha għandhom ikunu l-istess jiġifieri bil-50%.

Il-kunsill qabel li għandu jagħmel laqgħa apposta dwar dan is-suġġett sabiex ikun jista jinbeda l-proċess.

2.6 Is-Sindku tkellmet dwar il-ħmieġ tal-klieb u dwar il-ħmieġ li qiegħed jitħalla fuq il-blat wara li jsiru l-BBQ's. Dwar il-ħmieġ tal-klieb is-segretarju eżekuttiv fakkar li dan l-aħħar il-Kunsill għamel kampanja sħiħa kontra l-ħmieġ tal-klieb fejn ordna diversi tabelli u għamel diversi twissijiet. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jibgħat il-gwardjani lokali kmieni filgħodu fejn l-ewwel ġimgħa jagħtu twissija u t-tieni ġimgħa jinfurzaw lis-sid il-kelb kemm jekk iħammeġ kif ukoll jekk jekk ma jkunx marbut biċ-ċinga. Il-Kunsill qabel ukoll li jinforza bl-istess mod għall-ħmieġ tal-BBQ's. Fejn il-gwardjan jinżel tard u jwissi lil dawk li jkun hemm fuq il-post biex inaddfu qabel ma' jitilqu.

Fuq dan l-punt il-kunsillier M. Debono isuġġerixxa li l-Kunsill għandu jipprovdi BBQ *set* tal-*concrete* li jista jintuża b'mod kommunjali, fejn fil-viċin ikun hemm reċipjent apposta li jista jintrema iċ-*charcoal.* Is-Sindku ssuġġeriet ukoll li dawn għandhom jintalbu permess sabiex jagħmlu BBQ b'hekk il-Kunsill ikun jaf min kien fit-tali post u jekk żamx l-indafa. Il-Kunsill qabel ma' dawn is-suġġerimenti u għandu jaħdem fuqha għas-Sajf li ġej.

## 3. KORRISPONDENZA U KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU/SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Fuq talba li kellha, s-Sindku M. Arrigo staqsiet lill-kunsill jekk jaqbilx li fi Triq Dingli jsir *fishbone parking*. Il-Kunsill qabel li jekk fil-kas dan isir, ikun fuq naħa waħda u fejn hemm l-inqas garaxxijiet. Il-kunsill għandu jistaqsi lill-ADT dwar dan.

3.2 Is-Sindku staqsiet lill-kunsilliera jekk jaqblux mal-fatt li ħafna mill-korrispondenza jintbagħtu *email* fejn tintalab data sakemm kunsillier/a għandu jirrispondi u jekk filkas ma nirċievhux risposta tittieħed fil-pożittiv. Fuq suġġeriment tal-kunsillier M Briguglio qabel ukoll li f'każ li wieħed ma' jirrispondix infakkruh bit-telefon. Madankollu l-kunsill se jagħmel l-isforzi tiegħu sabiex jirrispondi lura bl-*email* ħalli nkunu nistgħu nimxu.

3.3 Is-segretarju eżekuttiv spjega dwar il-korrispondenza kollha li tirrigwarda l-bankina fi Triq il-Kbira quddiem il-lukanda tas-Sur Anġlu Xuereb. Is-segretarju eżekuttiv kellu diversi komunikazzjonijiet ma' l-Awtoritajiet konċernati u l-azzjoni li kien diġa ħa minħabba l-estensjoni ta' bankina fl-istess triq imsemmija liema korrispondenza kienet intbagħtet kopja diġa lill-kunsilliera. Is-Sindku nfurmat li sakemm wasslet din il-laqgħa tal-Kunsill ħadet ir-responsabbillta` li ma jingħata ebda permess qabel ma' l-*AX Holdings* jibgħatu l-permessi kollha tal-wiesgħa tal-bankina. Il-Kunsill unanimament qabel ma' din id-deċiżjoni u jsostni li għanda tibqa hekk sakemm l-*AX Holdings* jiġi konformi mal-liġi u li jippreżenta permessi kollha meħtieġa flimkien mal-pjanta tal-bankina bit-timbru tal-MEPA.

Il-kunsill jinsab urtat għall-fatt kif ma ġiex ikkonsultat mill-Awtorijiet konċernati x'permessi qegħdin jingħataw lill-*AX Holdings*. Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono ressaq mozzjoni li l-kunsill għandu jagħmel protesta ġudizzjarja għal mod kif ma ġiex ikkonsultat u dwar id-danni kollha li saru kemm fi Triq il-Kbira kif ukoll fil-kappella 'Tal-Grazzja'. Ġie ssekondat mill-kunsillier N. Dimech fejn kien hemm qbil unanimu mill-kunsilliera kollha presenti.

Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jirraporta dan il-każ lill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

3.4 Talba għall-permess mill-*Oil Pollution Unit* sabiex issir *Sea Clean up Campaign* nhar is-16 ta' Awissu, 2007 fil-viċinanzi tal-Ġnien Indipendenza. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni għal dan.

3.5 Ittra mill-Partit Laburista fejn espremew ix-xewqa tal-Kap ta' l-Oppożżizjoni Dr Alfred Sant sabiex jiltaqa` mal-membri tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jiltaqa' nhar it-Tnejn 13 ta' Awissu, 2007 fis-6.30pm. Il-kunsilllier M. Debono qal li l-Kunsill jista jagħżel xi tip ta' proġett fejn jippreżentah dak in-nhar tal-laqgħa fejn qal li l-partit ikun jista jgħin b'mod finanzjarju għal dan il-proġett fi żmien sena.

Fuq dan il-punt il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill għandha ssir nhar it-Tnejn 13 ta' Awissu, 2007 fit-3.30pm minħabba li t-tielet Erbgħa tax-xahar hija l-festa ta' Santa Marija.

*Il-kunsillier J. Galea kien skużat mis-seduta fis-6.14pm*

3.6 Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-korrispondenza mibgħuta mill-MEPA fejn talbu għall-kummenti tagħna sat-30 ta' Lulju, 2007 dwar il-proġett TownSquare. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jitlob estensjoni lill-MEPA minħabba li għadu ma rċeviex it-*Traffic Impact Assessment* u l-*Environmental Impact Statement* u b'hekk irid jingħata ċans li jagħti l-kummenti globalment sa' ġimgħatejn wara li jirċievi t-TIA u l-EIS. Madankollu l-Kunsill żamm mad-deċiżjoni preċedenti fejn oġġezzjona għat-torri tat-32 sular u li għandu jżomm mal-kundizzjonijiet stipulati. Is-Segretarju rrefera għall-korrispondenza mis-Sur Michael Soler fejn fost punti oħra, intqal li ltaqgħu ma' *Qui-si-Sana Residents Association* fejn qegħdin jikkonsidraw li jiġi offrut parkeġġ għalihom. Il-kunsill għandu jiċċekkja mar-residenti dwar dan.

3.7 Talba minn għand *Peperonei Mini Market* għall-*loading/unloading* fi triq San Piju V. Il-Kunsill ma qabilx ma dan.

3.8 Is-Sindku ġibdet l-attenzjoni li rċevejna petizzjoni minn uħud tar-residenti tan-naħa ta' Tigne` fejn talbu sabiex jinbiddlu l-ħinijiet ta' trasport ċirkulari. Il-Kunsill qabel li dawn għandhom jibqgħu kif inhuma minħabba l-fatt li l-Kunsill ipprova jsib t-triq tan-nofs u qegħdin addatti wkoll għall-Poliklinika tal-Gżira.

3.9 Talba mis-*Stella Maris Band Club* sabiex jiġi organizzat BBQ fi Pjazza Annunzjata bejn it-8pm u l-11pm fl-20 ta' Lulju, 2007. Il-Kunsill ma jsib l-ebda oġġezzjoni għal dan diment li jsir it-tindif wara u li r-residenti jiġu nfurmati.

3.10 Talba mis-Socjeta Mużikali San Girgor sabiex issir tombla fuq ix-Xatt ta' sajjieda nhar l-Erbgħa 14 ta' Lulju, 2007. Il-Kunsill qabel diment li din tkun ta' darba u b'dawn il-kundizzjonijiet. Li l-permess jingħata sal-11pm u jsir tindif wara l-attivita`.

Fil-każ taż-żewġ permessi (3.9 u 3.10), il-Kunsill qabel ukoll li jekk dawn ma jżommux mar-regolamenti, permessi għall-attivitajiet oħra ma' jingħatux.

3.11 Rapporti mediċi dwar talbiet għar-*reserved parking* fi Triq Nicolo' Isouard, Triq Amery u Triq San Trofimu. Il-Kunsill ma' qabilx li jingħataw lil dawn it-tlett applikanti.

*Il-Viċi Sindku ġie skuċat li jitlaq mis-seduta fis-6.35pm*

3.12 Talba minn għand Marie T. Vassallo sabiex jittella' programm mużikali f'Tas-Sliema. Il-Kunsill għandu jiltaqa' mas-Sinjura Vassallo għall-aktar informazzjoni.

3.13 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega l-informazzjoni dwar il-linja telefonika SKY telecom, fejn qal li r-rati tal-mobile huma madwar 22 fil-mija orħos minn dawk presenti. Il-kunsill qabel li s-segretarju għandu jmexxi bl-aħjar rati. Minn naħa l-oħra s-Segretarju Eżekuttiv staqsa jekk il-Kunsill jaqbilx li l-kontijiet tal-linji tat-telefon, jitħallsu qabel il-laqgħa tal-Kunsill sabiex ma jingħatax l-*late payment charge.* Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni.

3.14 Talba minn għand *World of Life* sabiex tittella *Puppet Show* fit-tielet Ġimgħa ta' Awissu, 2007. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni diment li jieħu ħsieb kollox hu.

3.15 Talba minn *Where's Everybody* sabiex jittella programm Pjazza, f'Tas-Sliema. Il-Kunsill ma' setax jieħu deċiżjoni minħabba li dawn ma' infurmawniex bid-data u l-post eżatt, minkejja li s-Segretarju Eżekuttiv kien talab li għandhom jaslu sal-5 ta' Lulju, 2007.

3.16 Talba mill-Perit Colin Zammit f'isem *Maniera Group* dwar il-proġett tal-Galaxy fejn staqsa lill-Kunsill isibx oġġezzjoni sabiex ma' jitħalliex parkeġġ permessibbli f'parti minn Triq Depiro u jitħalla aċċess għal *loading/unloading* sabiex iħottu l-materjal tal-kostruzzjoni. Il-Kunsill oġġezzjona għal din it-talba minħabba l-fatt li qatt ma' sab kooperazzjoni minn għand il-kuntratturi minkejja d-diversi drabi li ġew infurmati bil-miktub saħansittra anke b'mod legali, u qatt ma' żammew mal-kundizzjonijiet kollha li kienu stipulati u l-inkonvenjenzi li qegħdin iħallu lir-residenti.

3.17 Talba mis-Sur John G. Price sabiex titwaħħal plakka kommemmorattiva quddiem il-monument tal-gwerra fix-Xatt. Il-Kunsill ma' sab l-ebda oġġezzjoni la darba din issir spejjes tagħhom.

3.18 Il-Kunsill ġie infurmat li l-Kunsill fuq talba kien bagħat lill-ADT dwar permess għal *zebra crossing* fil-parti t'isfel ta' Triq Għar id-Dud.

3.19 Is-Segretarju Eżekuttiv spjega r-risposta mingħand l-avukat tal-Kunsill dwar il-pubblikazzjoni tal-minuti fuq il-*website*. Kien hemm diversi kommunikazzjonijiet dwar dan u l-Kunsill qabel li għandu jiddeċiedi fil-laqgħa li jmiss.

*Il-kunsillier N. Dimech ġie skużat li joħroġ mis-seduta fis-7.10pm*

3.20 Dwar il-korrispondenza minn MEPA sabiex jinħatar membru għall-*adjudicating committee* dwar iċ-*circular bus*. Il-kunsill ippropona li jinħatar il-viċi sindku A. Bonello Dupuis, pero għandu jiġi mistoqsi minħabba li kien leħaq telaq mis-seduta.

Fuq dan il-punt, is-Segretarju Eżekuttiv iċċara l-punt lill-kunsillier M. Brigulgio li għalkemm din m'għandiex *tail lift* eżatt kif suppost din hija xorta waħda aċċessibbli għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

3.21 Ittra minn għand Bank of Valletta fejn infurmaw li għandhom inizjattiva dwar l-ambjent fejn staqsa lill-Kunsill għal suġġeriment fejn jista jsir dan it-tisbih. Il-Kunsill ippropona Qui-Si-Sana fejn il-bandli.

*Daħal il-kunsillier N. Dimech fis-7.14pm*

3.22 Is-Segretarju Ezekuttiv informa li fid-dati stipulati fl-aħħar laqgħa tal-Kunsill, ghad-delegazzjoni ma' ta' Les Sables d'Olonne, is-Sindku Louis Guedon mhux se jkun preżenti. Is-Segretarju Eżekuttiv għandu jiċċekja dwar id-dati mil-31 ta' Awissu sat-3 ta' Settembru kif ukoll jinkludi lill-kunsillier M. Briguglio u lil *partner* tiegħu, minħabba li f'dawn id-dati jista jkun possibbli għalih li jitla'.

3.23 Is-Segretarju Eżekuutiv ippreżenta pjanti mibgħuta mill-ADT rigward *traffic management* propost fi Triq it-Torri u x-Xatt. Kien hemm diversi suġġerimenti oħra fejn il-kunsillier M. Debono qal li waħda mir-*roundabouts* tista titneħħa. Il-kunsillier J. Galea qal l-biċċa ta' Triq il-Kbira fejn l-HSBC għandha ssir *pedestrianised* u tkun

direzzjoni waħda. Is-Sindku qalet li għandu jkun hemm aktar *landscaping*. Il-kunsillier M. Debono għandu jara l-pjanta aktar fid-dettal u l-kunsill ikun jista jagħmel il-kummenti tiegħu fil-laqgħa li jmiss.

3.24 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-Kunsill kien irċieva *acknowledgement* mill-MEPA dwar l-ittra li kienet intbgħatet mill-avukat tal-Kunsill dwar *Fort Cambridge Development site* u l-proposta ta' *erection of residential apartment blocks overlaying 4 levels.*

3.25 Is-Segretarju Ezekuttiv ippreżenta kwotazzjoni ta' Lm140 (€326.11) dwar l-irranġar għall-bandla tal-metal għall-*Playing Field* ta' Qui-si-Sana. Il-Kunsill qabel li għanda tiġi rranġata.

*Il-Kunsillier M. Briguglio ġie skużat li jitlaq mis-seduta fis-7.30pm*

3.26 Talba minn għand *CAM productions* għal donazzjoni b'riżq il-Maratona Oħloq Tbissima. Il-Kunsill ma' kienx ċert jekk waħda mis-soċjetajiet magħżula kienitx inkluża fis-skeda VIII. Il-Kunsill qabel li jekk hu hekk jagħti donazzjoni ta' Lm25 (€58.23) dirett lis-Soċjeta' li taqa' taħt l-iskeda.

*Il-kunsilliera M. A. Azzopardi ġiet skużata li titlaq mis-seduta fis-7.40pm*

3.27 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta l-kummenti u l-pjanta mill-perit tal-Kunsill A. Bezzina dwar *sleeping policeman* fi Triq Sant' Elena. Fost punti oħra l-perit ikkummenta li għalkemm din is-soluzzjoni tista ttaffi l-problema ta' l-ilma li jidħoll fi Triq San Neriku ma jistax jiggarantixxi l-effett komplut tagħha. Il-Kunsill qabel li għandha ssir biss rampa bħalma kienet saret fi Triq Arcade mill-kuntrattur Polidano.

3.28 Is-Segretarju ippreżenta ittra mis-Sur J. Agius fejn informa li joffri ammont ta' flus għal van Piaggio Porter li għandna, iżda li jkollu l-magna f'kundizzjoni tajba. Il-Kunsill ma jistax jagħmel aktar spejjes u l-van irid jitlaq kif inhu. Fuq dan il-punt il-kunsillier M. Debono qal li kien ġie avviċinat minn rappreżentant ta' l-Għaqda *Animal Rescue* fejn qal li dan ikollhom bżonn vann sabiex jiġbru l-annimali mitluqa barra fit-triq. Il-Kunsill qabel li l-vann tagħna għandu jingħata lil din l-għaqda basta li jintuża għal dan l-iskop.

3.29 Petizzjoni minn residenti ta' Triq Sant' Elena dwar l-oġġezzjoni għall-iżvilupp ta' 9, Triq Sir Adrian Dingli. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat l-oġġezzjoni lill-MEPA bl'istess għamla ta' kif kienet intbagħtet dik ta' numru 10.

3.30 Il-Kunsill ġie avviċinat li hemm bżonn li n-*notice board* tal-Kunsill titwaħħal matul il-*promenade* u mhux fi Ġnien Indipendenza. Il-Kunsill qabel li n-*notice board* għandha tibqa fil-ġnien.

3.31 Ittra mill-*Youths @ Local Zejtun* dwar l-attivita` fejn iż-żgħażagħ jikkampjaw fil-viċinanzi ta' l-Exiles u l-Ġnien Indipendenza. Din kienet tressqet fl-laqgħa oħra tal-Kunsill fejn il-Kunsill iddeċieda li jgħin lil dawn iż-żgħażagħ finanzjarjament billi jipprovdi l-ikel. Il-Kunsill għandu jistaqsi lill-*Exiles Pitch* hux possibbli li dawn iż-żgħażagħ jużaw ix-*showers* tagħhom għal ftit jiem. Il-kunsillier N. Dimech qal ukoll li

għandna nistaqqsu madwar ħames studenti sabiex jipparteċipaw f'din l-attivita`. Il-Kunsill qabel li għandu jistaqsi l-istudenti tas-Salesjani.

**4. MISTOQSIJIET MILL-KUNSILLIERA**

Ma kienx hemm aktar mistoqsijiet.

**5. APPROVAZZJONI TAL-PAGAMENTI**

Is-segretarju eżekuttiv irrefera għall-iskeda tal-pagamenti li kienet intbgħatet lill-kunsilliera ma' l-agenda. Il-kunsillier N. Dimech ippropona l-approvazzjoni ta' l-iskeda tal-pagamenti ċekk numru 8762 sa 8821 u l-kunsillier J. Galea ssekondah. Kien hemm qbil unanimu dwar il-pagamenti.

**6. DEĊIŻJONI DWAR IT-*TENDERS* TA' TABELLI U SINJALI**

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta d-dokumenti tat-tliet applikanti:-

- B. Grima and Sons Ltd
- Koperattiva Tabelli u Sinjali
- FIXALL

Hemm diversi prezzijiet u ma' setgħux jitniżżlu kollha

Il-Kunsill unanimament qabel li t-*tender* għandha tingħata lill-Koperattiva Tabelli u Sinjali minħabba li m'hemmx differenzi kbar fi prezzijiet u la darba l-Kunsill diġa ħadem magħhom jaf li s-servizz li joffru lill-Kunsill huwa wieħed tajjeb.

**7.0 AFFARIJIET OĦRA**

Il-kunsillier J. Galea issuġġerixxa li triq tal-Karmnu tiġi li titla`il-fuq minnflok kif inhu qegħda preżentament u li jkun hemm aċċess għal Triq Rudolfu minn Santa Marija. Dan minħabba l-fatt li biex wieħed jasal għal *area* ta' Triq San Nikola hemm dawra li tista tiġi evitata. Kien hemm diskussjoni wkoll li l-parkeġġ fi Triq il-Karmnu isir in-naħa l-oħra. Il-Kunsill għandu jistaqsi l-possibbilta` ta' dan lill-ADT.

Il-laqgħa spiċċat fit-8pm

**Josef Grech**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Marina Arrigo**
**Sindku**